# Eżami għall-Post ta' Messaġġier tal-Qorti fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja, Malta

Marzu 2014

Il-Malti

Ħin: Siegħa u nofs

**Taqsima A: Fehim it-Test** **(40 marka)**

Aqra sewwa din is-silta u wara aħdem l-eżerċizzju dwarha.

Kelli kelb tal-kaċċa u lbieraħ ħadtu l-Għassa tal-Pulizija biex joqtluh.

Xħin ħriġt mid-dar kien dalam u f'dak il-waqt ma kelli ebda ħsieb li se jkolli ninfired mill-kelb għal kollox. Ħriġtu biex indawru dawra. Kien ilu marid erba' ġimgħat u meta kont inħallih ġewwa kien donnu jitgħaxxex aktar u meta noħorġu barra kien donnu jieħu r-ruħ. Kien ilu tlett ijiem sħaħ ma jduq. Tajtu ftit ħalib lanqas messu. Ittamajt li din il-ħarġa tagħmillu tajjeb u meta nerġgħu lura jitrejjaq b'xi ħaġa. Kellu sittax-il xahar. Kien marad ħtija tiegħi. Kont ġibt ferħ ta' qattus id-dar mingħajr ma naf li kien tmess b'marda tal-ġilda u l-kelb tniġġes minnu.

Jien u miexi ħassejt bħal għoqla tielgħa għal griżmejja. Dak il-ħin qam ħafna riħ. Xħin ħemed, smajt lili nnifsi nolfoq, u bid-dmugħ ma' għajnejja ma stajtx nara nimxi. Kont ili ma nolfoq u nxerred demgħa aktar minn sentejn – minn dakinhar li kien miet ħija ħabta u sabta qasir il-għomor.

Xħin wasalt id-dar, ir-rassa li kelli f'sidri bis-sħana u l-kenn ħassejtha tinħall, u sa ma ġbart u rmejt il-kaxex tad-duwa u ċekċik ieħor li bih kont ninqeda biex indewwi l-kelb, minn dakinhar li marad 'l hawn bkejt kemm-il bikja siekta. U ta' kull darba bdejt nimsaħ id-dmugħ b'minkbejja biex ma nitniġġisx b'subgħajja u biex il-mara ma taranix nibki lill-kelb. Iżda leħni baqa' sa nħanaq u għajnejja ħmaru, donni kont xrobt l-inbid, u l-mara ntebħet li qalbi kienet ingħafset għaliex kont tlift ħabib tassew u qaltli xi kliem ta' sabar. U jien wieġibtha kif l-irġiel iwieġbu lin-nisa fi ġrajjiet bħal dawn.

Bobby kien jaf ħafna. Kien waqtiet jifhimni daqslikieku kien bniedem. Kellu għajnejh sbieħ u mimlijin dehen, u marad ħtija tiegħi, għad li jien ma ridtx immarrdu. Iżda li kieku dalgħodu qabel qatluh xi ħadd kellu jgħidlu – u hu kien jista' jifhem – x'ħassejt ilbieraħ xħin infridt għall-aħħar darba minnu, u liema beraħ u swied il-qalb ħalla warajh id-dar, kien imur inqas imbażża' u kellu mnejn jaħseb fija u f'kemm għamilt biex infejqu.

*Silta addattata minn 'Firda minn Kelb' ta' Ġużè Ellul Mercer*

Imla l-vojt b'kelma jew kliem mis-silta.

1. Il-kelb ittieħed ______________________________ biex jiġi maqtul.

2. Ir-raġel ħareġ filgħaxija bil-kelb biex ______________________________.

3. Il-kelb kien jieħu r-ruħ meta ______________________________.

4. Bobby marad minħabba li d-dar kien hemm ______________________________.

5. L-aħħar li beka dan ir-raġel fil-ħajja tiegħu kien ______________________________.

6. Meta mar lura d-dar ir-raġel rama ____________________ u __________ ieħor.

7. Qalb ir-raġel ______________________________ għaliex kien iħobb lill-kelb.

8. Lil Bobby kien iħares lejh daqslikieku kien ______________________________.

9. Wara l-mewt tal-kelb, ir-raġel ħass ______________________________ kbir id-dar.

10. Din l-istorja verament turina li l-kelb huwa l-akbar ____________________ tal-bniedem.

## Taqsima B: Grammatika (30 marka)

Eżerċizzju A: Agħti l-femminil ta' dawn. (15)

1. tifel ____________________ 2. neputi ____________________

3. xwejjaħ ____________________ 4. iben ____________________

5. raġel ____________________

Eżerċizzju B: Agħti l-plural ta' dawn. (15)

1. baħri ____________________ 2. triq ____________________

3. sodda ____________________ 4. bieb ____________________

5. salib ____________________

## Taqsima Ċ: Għarfien il-Lingwa (30 marka)

Eżerċizzju A: Agħti kelma oħra li tfisser l-istess minflok dik b'sinjal taħtha. (15)

1. Baqa' biss jum għas-safra. ____________________
2. Irċevejt stedina għal tieġ. ____________________
3. Il-ktieb mimli vokabularju tqil. ____________________
4. Dalwaqt jaslu l-btajjel tal-Għid. ____________________
5. L-orizzont jidher aħmar bix-xemx. ____________________

Eżerċizzju B: Liema **annimal** jonqos fl-idjoma skont it-tifsira mogħtija? (15)

1. *kif jaraw lil xulxin jibdew jiġġieldu* > qishom kelb u ____________________
2. *ma jħossux komdu fl-ambjent li jkun fih* > ____________________ barra mill-ilma
3. *jieħu għalih malajr u mix-xejn* > ibati b'tal-____________________
4. *dejjem sejjer minn xogħol għal ieħor* > ____________________ għax-xogħol
5. *jilgħabha li ma jafx għalkemm ikun jaf* > jilgħab tal-____________________

TMIEM